DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1065

tat-28 ta' Ġunju 2021

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK ([1]), li stabbiliet Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah).

(2) Fit-30 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/955 ([2]), li emendat l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK u estendietha sat-30 ta' Ġunju 2021.

(3) Fl-4 ta' Marzu 2021, fil-kuntest tar-Reviżjoni Strateġika tal-EU BAM Rafah, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-EU BAM Rafah għandha tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 24 xahar, sat-30 ta' Ġunju 2023.

(4) Fl-1 ta' Ġunju 2021, il-KPS innota wkoll li, b'kont meħud tal-informazzjoni pprovduta minn Iżrael u l-Awtorità Palestinjana, l-EU BAM Rafah għandha f'dan l-istadju tiġi estiża b'sena, sat-30 ta' Ġunju 2022.

(5) Għalhekk l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(6) L-EU BAM Rafah ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EU BAM Rafah għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022 għandu jkun ta' EUR 2 460 000.";

(2) fl-Artikolu 16, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2022.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/955 tat-30 ta' Ġunju 2020 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 212, 3.7.2020, p. 18).

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
M. do C. ANTUNES